

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex il-Kattoliċi jqiegħdu ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fiċ-ċentru ta’ ħajjithom, jibdlu r-relazzjonijiet tagħhom mal-oħrajn u jinfetħu għal-laqgħa ma’ Alla u ma’ ħuthom kollha l-bnedmin.

**Qari**: *Katekeżi ta’ Papa Franġisku: L-Ewkaristija, Ir-Rabta tagħha mal-ħajja tagħna, 12/02/2014.*

Kif ngħixuha l-Ewkaristija? Meta mmorru għall-Quddiesa l-Ħadd, kif ngħixuha? Hi biss mument ta’ festa, tradizzjoni b’saħħitha, okkażjoni biex niltaqgħu jew biex inħossuna f’postna, jew hi xi ħaġa iżjed minn hekk?

Hemm sinjali konkreti ħafna li jgħinuna nifhmu kif qed ngħixu dan kollu, kif qed ngħixu l-Ewkaristija: sinjali li jgħidulna jekk aħniex ngħixu sew l-Ewkaristija jew jekk ma tantx qed ngħixuha sew. L-ewwel sinjal hu l-mod ta’ kif aħna nħarsu lejn l-oħrajn u nġibu ruħna magħhom. Fl-Ewkaristija Kristu dejjem iwettaq mill-ġdid id-don tiegħu nnifsu li hu għamel fuq is-Salib. Ħajtu kollha hi att ta’ qsim sħiħ tiegħu nnifsu għall-imħabba; għalhekk Hu kien iħobb joqgħod mad-dixxipli tiegħu u mal-persuni li kien jiltaqa’ magħhom. Dan għaliH kien ifisser jaqsam magħhom ix-xewqat li kellhom, il-problemi, dak li kien qed jinkwetahom u jdejjaqhom fil-ħajja. Issa meta aħna nieħdu sehem fil-Quddiesa, aħna niltaqgħu ma’ rġiel u nisa ta’ kull xejra: żgħażagħ, anzjani, tfal; foqra u għonja; nies tal-post u barranin; imsieħba minn familjari jew waħidhom… Imma l-Ewkaristija li niċċelebra, qed twassalni biex tassew inħosshom ilkoll bħala ħuti? Tkabbar fija l-ħila li nifraħ ma’ min jifraħ u nibki ma’ min jibki? Tqanqalni biex innewwel idi lill-foqra, lill-morda, lill-imwarrbin? Tgħinni nagħraf fihom il-wiċċ ta’ Ġesù? Aħna kollha mmorru l-Quddiesa għax inħobbu lil Ġesù u, fl-Ewkaristija, nixtiequ nieħdu sehem fil-passjoni u l-qawmien tiegħu. Imma qed inħobbu, kif iridna Ġesù, lil dawk ħutna li l-iżjed jeħtieġu l-għajnuna?

Mulej, grazzi talli tajtna lilek innifsek fl-Ewkaristija,
talli qsamt magħna l-imħabba tiegħek
u talli tajtna eżempju ċar ta' kif għandna ngħixu ħajjitna.
Kemm hi faċli Mulej, li mmorru l-knisja, nirċievu l-Ewkaristija,
u ħajjitna tibqa' għaddejja bħas-soltu!
Mulej, kemm nifhmu tassew li, meta nirċievu l-Ewkaristija,
aħna ma nistgħux nibqgħu spettaturi fil-ħajja tagħna?
Mulej, agħtina l-kuraġġ biex inkunu lesti, kif jgħid Papa Franġisku,
li nħammġu jdejna u jkollna r-riħa tan-nagħaġ.
Irridu nħallu lil Ġesù jibdilna u jmexxina,
irridu nħalluh jgħinna biex ninfetħu għal-laqgħa
ma' Alla u ma' ħutna kollha li niltaqgħu magħhom.
Ma nistgħux inkomplu għaddejjin b'ħajjitna
bla ma nintebħu li ħuna għandu bżonn l-għajnuna tagħna.
Għalhekk, kif qalilna l-Papa Franġisku:
*L-ewwel sinjal ta' kif ngħixu l-Ewkaristija hu l-mod*
*ta' kif aħna nħarsu lejn l-oħrajn u nġibu ruħna magħhom.*
Inti, Mulej Ġesù, urejtna li l-għan tal-ħajja jinsab fl-għotja,
u li l-akbar ħaġa fil-ħajja hi l-qadi.
X'differenza, Mulej, minn kif bosta minna
qed jgħixu l-ħajja tagħna llum!
Il-bniedem sar jaħseb biss fih innifsu,
sar moħħu biex jistagħna,
biex jidher u jwarrab lil ta' madwaru
u jinsa li aħna lkoll aħwa fi Kristu.
Mulej Ġesù, nitolbuk sabiex tagħtina l-grazzja
li nersqu lejn l-Ewkaristija b'umiltà u b'imħabba kbira lejk,
biex b'hekk inkunu magħqudin miegħek tassew,
u nħalluk twarrab minna l-egoiżmu
u minflok timliena b'imħabba għal ħutna,
l-aktar dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.
Għinna sabiex inkunu kapaċi ngħixu kif għext int,
billi naqsmu ma' ħutna u nkunu ta' servizz għal ħutna l-bnedmin.

Agħtina d-dehen biex nifhmu li, meta nitqarbnu,
nagħrfu li qed nirċievu lilek Ġesù, veru Alla u veru bniedem,
u għalhekk qed nirċievu l-imħabba ħajja tiegħek.
Nitolbuk sabiex timliena bil-kuraġġ ħalli nħallu
t-Tqarbina li nagħmlu, tmissna, tbiddilna u tfejjaqna
sabiex aħna nkunu kapaċi noħorġu minna nfusna
u biex aħna wkoll immissu l-ħajja tal-oħrajn.

**KANT**

**Qari:** *Il-Papa Franġisku waqt l-Angelus fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej fi Pjazza San Pietru nhar is-6 ta' Ġunju 2021*

Fl-Ewkaristija nikkontemplaw u nqimu lil Alla tal-imħabba. Huwa l-Mulej li ma jaqsam lil ħadd imma jaqsam lilu nnifsu. Huwa l-Mulej li ma jitlobx sagrifiċċji imma jissagrifika lilu nnifsu. Huwa l-Mulej li ma jitlobna xejn imma jagħtina kollox.
Biex niċċelebraw u ngħixu l-Ewkaristija aħna wkoll imsejħin ngħixu din l-imħabba. Għax ma tistax taqsam il-Ħobż tal-Ħadd jekk qalbek tkun magħluqa għal ħutek. Ma tistax tiekol minn dan il-Ħobż jekk ma tnewwilx il-ħobż lil min hu bil-ġuħ. Ma tistax taqsam dan il-Ħobż jekk ma taqsamx fit-tbatijiet ta' min hu fil-bżonn. Fl-aħħar mill-aħħar, ikun biżżejjed jekk mil-liturġiji solenni Ewkaristiċi tagħna, tibqa' biss l-imħabba. U sa minn issa l-Ewkaristiji tagħna jibdlu d-dinja skont kemm aħna nħalluhom jibdluna u nsiru ħobż maqsum għall-oħrajn.
Ħuti, fejn sa "nħejju l-ikla tal-Mulej" illum ukoll? Il-purċissjoni bis-Santissmu Sagrament tfakkarna li aħna msejħin noħorġu u nwasslu lil Ġesù. Noħorġu b'ħeġġa u nwasslu lil Kristu għand dawk li magħhom niltaqgħu fil-ħajja ta' kuljum. Insiru Knisja bil-ġarra f'idha, li terġa' tqanqal l-għatx u ġġorr l-ilma.

Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-grazzja
li niċċelebraw l-Ewkaristija b'imħabba u umiltà sinċiera.
Agħtina d-dehen biex nifhmu li
ma nistgħux niċċelebraw u ngħixu l-Ewkaristija,
jekk qalbna tkun magħluqa għal ħutna.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tibgħat l-Ispirtu tiegħek
fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna,
biex nilqgħu b'qalb grata d-don tal-Ewkaristija,
u sabiex ħajjitna nagħmluha don għall-oħrajn kollha.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex tiftħilna għajnejna
ħalli nħarsu madwarna, ħalli nkunu sensittivi biżżejjed
biex nindunaw li hemm ħuna jew oħtna fil-bżonn,
ħalli nkunu pronti biex ngħinu lil min iħossu waħdu,
ħalli nindunaw li int qiegħed hemm,
fil-batut, fil-fqir, f'min qiegħed waħdu,
f'min iħossu mwarrab u f'min hu marid.
Agħtina l-grazzja, nitolbuk, sabiex naqsmu ħajjitna
fil-ħniena u fis-solidarjetà, biex id-dinja tkun tista' tilmaħ fina
l-kobor tal-imħabba tiegħek.
Kun magħna, Mulej, ħalli nagħrfu li
jekk ma nħallukx twellidna mill-ġdid,
jekk ma nkunux kapaċi mimxu miegħek u ngħixu fik,
jekk ma nibnux relazzjoni personali miegħek,
inkunu, kif jgħid il-Papa Franġisku,
*ħatja li żeblaħniek u stmerrejniek.*
Għinna, Mulej, sabiex l-Ewkaristija li niċċelebraw twassalna tassew
biex inħossu lil dawk kollha madwarna bħala ħutna.
Kabbar fina l-ħila li nifirħu ma' min jifraħ u nibku ma' min jibki.
Qanqalna biex inkunu kapaċi nnewlu jdejna
lill-foqra, lill-morda u lill-imwarrbin.
Għin lilna lkoll sabiex nagħrfu fihom il-wiċċ ta' Ibnek Ġesù,
mimli kollu mħabba u kompassjoni.

## KANT

### Nitolbu flimkien

Agħtina l-grazzja, Mulej, li nagħrfu li fil-qsim tal-ħobż Inti qsamt l-imħabba divina tiegħek mal-bnedmin u sirt Ewkaristija għalina u għal kulħadd.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina l-għajnuna tiegħek ħalli nkunu kapaċi niftakru li kull darba li nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija nkunu qed nirċievu wkoll il-kmandament tiegħek li nagħtu lilna nfusna bi mħabba lill-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-grazzja li nkunu kapaċi nifthu l-bibien ta' qalbna għal kulħadd u li ma niġġudikaw lil ħadd. Urina kif nilħqu lil dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-imħabba u l-ħniena tiegħek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għinna sabiex nifhmu li l-uniku mod kif nistgħu tassew inħossuna tajjeb f'ħajjtina huwa billi nagħrfu li qed ngħixu f'rabta sħiħa man-nies l-oħra kollha tad-dinja - mingħajr ebda eċċezzjoni.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għal dawk li qed ifittxuk u għadhom ma sabukx. Lil dawn, Missier, wittilhom it-triq biex huma jsibu min jgħinhom ħalli jkunu jistgħu jduqu l-ħlewwa u l-kobor ta' mħabbtek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej Ġesù, iftħilna moħħna u kebbsilna qalbna biex nirċevuk u nħobbuk fl-Ewkaristija. Agħmilna, nitolbuk, strumenti tal-imħabba, tal-fejqan u tal-preżenza tiegħek fid-dinja tagħna.

Nitobu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, biex issaħħaħna permezz tal-Ewkaristija ħalli nkunu kapaċi naqdu lil ħutna fil-bżonn u biex ma nibżgħux inkunu xhieda tiegħek permezz ta' ħajjitna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.